**STQARRIJA MINISTERJALI MAGĦMULA MILL-MINISTRU GĦALL-FINANZI, L-ONOR. EDWARD SCICLUNA, DWAR MATERJI MARBUTA MAT-TAXXA TAD-DĦUL, L-ANTI-TAX AVOIDANCE PACKAGE U S-SĦUBIJA TA' MALTA FL-OECD**

Sur President,

Nixtieq nibda din l-istqarrija billi nagħti rendikont dwar il-qbil fil-Kunsill tal-Ministri fuq l-Anti-Tax Avoidance Directive.

Fit-28 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni Ewropea kienet ippubblikat l-hekk imsejjaħ *Anti-Tax Avoidance Package*, bil-komponent prinċipali jkun il-proposta għad-direttiva li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiċi ta' evitar tat-taxxi li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (*Anti-Tax Avoidance Directive*/ATAD). It-Tnejn li għadda u wara diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Ewropej (ECOFIN) il-ġimgħa li għaddiet, intlaħaq qbil fuq din id-direttiva.

Kif kont għedt fl-istqarrija tal-1 ta' Frar 2016, Malta fl-Ewropa lesta tipparteċipa fid-diskussjonijiet mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni Ewropea dwar dan is-suġġett, iżda wkoll li aħna beħsiebna nkomplu nagħmlu dak kollu li huwa possibbli sabiex nassiguraw li l-interessi ta' Malta jiġu mħarsa. Wara xhur ta' diskussjonijiet, kien ta' sodisfazzjon għalina li nstab kompromess aċċettabbli fuq il-punti li Malta għamlet fil-kors tad-diskussjonijiet.

L-ewwel nett, għamilnieha ċara li aħna m'aħniex lesti nċedu għall-armonizzazzjoni tar-rati tat-taxxa jew xi tibdil fis-sistema tat-taxxa ta' pajjiżna, magħrufa bħala *full imputation system*. It-test finali dwar dawk li jissejħu "*hybrid mismatches*" huwa tali li ma jaffettwawx is-sistema ta' tassazzjoni tagħna. Tlabna wkoll, u ksibna, aktar serħan il-moħħ fuq din il-ħaġa permezz ta' preambolu li ġie miżjud fuq l-applikazzjoni ta' dawn il-provvedimenti. Dan il-preambolu jgħid hekk "*In this context, it is useful to clarify that measures aimed to tackle hybrid mismatches in this Directive are aimed to tackle mismatch situations attributable to differences in the legal characterisation of a financial instrument or entity and are not intended to affect the general features of the tax system of a Member State.*"

Din għalina kienet ċara għaliex tagħmilha ċara li kienu qed jissusspettaw il-*financial practicioners* u esperti oħrajn illi din setgħet attatakkat direttament is-sistema ta' taxxa f'pajjiża li nafu li ilha teżisti mill-aħħar tal-gwerra u li nafu li taffettwa lil kull min huwa *taxpayer* f'pajjiżna, jiġifieri s-setturi tat-turiżmu, *financial services*, *i-gaming*, eċċ, jiġifieri kull settur ekonomiku.

Fil-kors tad-diskussjonijiet, Malta kienet ukoll għamlet il-punt li l-OECD stess tirrikonoxxi element ta' flessibilità u għalhekk Malta tistenna li din il-flessibilità għandha tinżamm fil-proposti dwar il-Base Erosion and Profit Shifting (BEPS). Bħala riżultat t'hekk ir-Riżoluzzjoni li l-ECOFIN kellu quddiemu f'Diċembru 2015 ġiet emendata fuq l-insistenza ta' Malta, li pproponiet l-inklużjoni tal-frażi "approċċ komuni iżda flessibbli" fil-Konklużjoni tal-Kunsill dwar il-BEPS. Din kienet ukoll qed twitti t-triq għad-diskussjonijiet li kienu mistennija.

Sur President,

Hawnhekk irrid infakkar li din il-Kamra, fit-23 ta' Marzu li għadda, kienet ħarġet opinjoni motivata fuq din id-direttiva fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Dawn id-dubji tqajmu b`mod partikolari fuq il-provvedimenti relatati ma' dawk li jissejħu "*controlled foreign company rules*" u "*interest limitation provisions*". Jekk nibda b'din tal-aħħar, wieħed jista' josserva titjib sinifikanti meta wieħed iqabbel dan mat-test tal-Kummissjoni Ewropea (fosthom żieda għal tliet miljuni minn miljun) meta *taxpayer* jista' jnaqqas l-imgħax bla ebda kundizzjonijiet; dawk li jissejħu "*grandfathering provisions*" għal dejn meħud qabel s-17 ta' Ġunju 2016, u applikazzjoni ta' dawn ir-regoli minn Jannar 2024 fil-każ li pajjiżi għandhom regoli dwar l-imgħax). U dan jirrigwarda lil Malta u jfisser li Malta issa għandha sal-2024 biex tipprepara ruħha għal dan l-avveniment. Fir-rigward tal-"*controlled foreign company rules*" ġew introdotti numru ta' għażliet li l-pajjiżi jistgħu jużaw fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, kif ukoll salvagwardji għal sussidjarji li huma stabbiliti fl-EEA.

Sur President,

Dan il-ftehim kien ukoll possibbli grazzi għal numru ta' laqgħat li saru f`kull livell tul il-kors tad-diskussjonijiet. Sal-Ħamis li għadda stess, iltqajt għal darb'oħra b' mod bilaterali mal-Ministru tal-Finanzi Olandiż Jeroen Dijsselbloem, kif ukoll mal-Kummissarju Pierre Moscovici. F'dawn il-laqgħat komplejna ntennu l-pożizzjoni ta' pajjiżna fuq din id-direttiva filwaqt li nfakkru li Malta hija kontra l-evażjoni tat-taxxa, sew jekk tiġi minn individwi u sew minn kumpaniji. Numru ta' laqgħat oħra saru ma' Ministri tal-Finanzi oħra u mal-uffiċjali tagħhom. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lit-team ta' uffiċjali li kelli, sew mill-Ministeru tiegħi f'Malta kif ukoll mir-Rappreżentanza Permanenti fi Brussell, kif ukoll il-grupp ta' *financial practitioners* li taw ukoll pariri siewja.

Hawnhekk irrid ngħid li l-Kummissarju tana s-serħan il-moħħ li kellna bżonn fuq il-kwistjonijiet pendenti u b'mod partikolari fuq is-sistema ta' tassazzjoni ta' pajjiżna, kemm fil-kuntest tal-proposta eżistenti kif ukoll fuq inizjattivi ġodda li jistgħu jittieħdu għall-futur speċjalment waqt il-Presidenza tas-Slovakkja.

**Sħubija Assoċjata fil-Programm Base Erosion and Profit Shifting (BEPS) tal-OECD**

Sur President,

Issa nixtieq ngħaddi sabiex ngħarraf lill-Kamra dwar il-proposta tal-OECD għall-Assoċjazzjoni ta' pajjiżna fil-Qafas Inklussiv tal-OECD dwar il-Base Erosion and Profit Shifting (BEPS). Infakkar li Malta, għal xi raġuni jew oħra, hija fost iż-żewġ jew tliet pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li ma humiex membri tal-OECD, però l-OECD xorta qed tistieden lil Malta, permezz ta' ittra indirizzata lili mis-Segretarju Ġenerali tal-OECD, sabiex tassoċja ruħha f'qafas inklussiv, li jiġbor flimkien lill-pajjiżi membri tal-OECD u dawk li mhumiex, bil-għan li jitwettaq il-programm *Base Erosion and Profit Shifting* (BEPS) tal-OECD.

Infakkar li l-programm BEPS jikkonsisti f'pakkett ta' ħmistax-il azzjoni li minnhom erbgħa huma meqjusa bħala *standards* minimi. Irrid ngħid li dawn l-istandards huma aċċettabbli għal pajjiżna u allura jiftħu t-triq biex aħna nipparteċipaw, però xorta ridna l-konfort li s-sistema ta' pajjiżna ma tkunx attakkata. L-i*standards* minimi jkopru miżuri kontra l-abbuż mit-trattati għall-ħelsien mit-taxxa doppja, rappurtaġġ *standard* pajjiż pajjiż (*country by country*

*reporting*), *peer review* sabiex jiġu indirizzati prattiċi tat-taxxa ħżiena u qbil dwar ir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet internazzjonali dwar it-taxxa.
Il-membri assoċjati ntalbu sabiex jikkommettu lilhom infushom għall-programm komprensiv tal-BEPS, inklużi l-erba' standards minimi tiegħu, u għall-implimentazzjoni konsistenti ta' dan il-programm. Dan il-*commitment* għandu jingħata sas-26 ta' Ġunju 2016 bl-iskop li l-pajjiżi membri u dawk assoċjati jiltaqgħu f'laqgħa inawgurali fi Kjoto l-Ġappun bejn it-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2016.

Diġà kelli l-okkażjoni li nikkummenta dwar il-proġett BEPS li l-għan tiegħu huwa li jiġġieled l-evitar u l-evażjoni tat-taxxi, għan li l-Gvern jaqbel miegħu.

Bil-għan li nkunu ċerti dwar kif dan il-programm se jolqot lil Malta, u speċifikament lis-sistema tat-taxxa fuq id-dħul tagħna, qabel ma nikkommettu lilna nfusna għal dan il-programm, mexxejt delegazzjoni għal laqgħa bilaterali mad-Direttur taċ-Ċentru għall-Politika dwar u l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fl-OECD, Dott. Pascal Sant-Amans. Il-laqgħa saret f'Pariġi nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju 2016. Ma' Dott. Sant-Amans tkellimna dwar il-qafas inklussiv dwar il-BEPS tal-OECD u s-sehem tal-membri assoċjati. Tkellimna wkoll b'mod partikulari dwar ir-rapport – wieħed minn dawk il-15 – li jipproponi Azzjoni 2 tal-BEPS, imsemmi *Neutralising the Effects of Hybrid Mismatch Arrangements* u l-implikazzjonijiet tiegħu għas-sistema tat-taxxa fuq id-dħul f'pajjiżna.

Dott. Sant-Amans wegħedna li se jħares b'mod partikolari lejn dan ir-rapport u li se jiktibilna dwar l-implikazzjonijiet tiegħu għal Malta. Fil-fatt, irċevejna ittra u rapport mingħand Dott. Sant-Amans fl-20 ta' Ġunju 2016. L-Executive Summary tar-Rapport li hu anness mal-ittra ta' Dott. Sant-Amans tibda hekk: "*The focus of the Action 2 Report is on neutralising mismatches that are attributable to differences in the tax treatment of instruments and entities. The recommendations in the Report are not targeted at the structure and operation of refundable imputation credit systems like that which operate in Malta.*"

Fuq din il-bażi l-Gvern Malti, u wara li se jikkonsulta mal-imsieħba relevanti inkluż mal-Oppożizzjoni kif ukoll il-grupp ta' *financial pratctitioners*, se jikkonsidra jassoċja lil pajjiżna fil-qafas inklussiv tal-OECD għat-twettiq tal-programm BEPS. Inħossu illi jekk nissieħbu, se nagħtu vuċi lil pajjiżna waqt id-diskussjonijiet li se jibdew dwar it-twettiq tal-programm BEPS – aħna ġejna infurmati li hemm 'il fuq minn 120 pajjiż – u li se nsaħħu l-kredibilità tagħna fil-qasam finanzjarju internazzjonali.

Infurmati li ħafna mill-pajjiżi li mhumiex fl-OECD, u li ġew mistiedna sabiex jissieħbu f'dan il-programm, diġà għamlu dan. Għaldaqstant wara li ksibna l-kjarifiki meħtieġa u b'konsultazzjoni mal-imsieħba tagħna f'dan il-qasam, inħossu li jkun għaqli u ta' benefiċċju għal pajjiżna jekk aħna nissieħbu wkoll.